**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 20 ta' Gunju 2018**

Numru 14

**Rikors Guramentat Nru. 411/2018**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Graziella Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-2 ta' Mejju 2018 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' skritturi privati datati 6 ta' Lulju 2004 (Dok. "A"), 14th February 2006 (Dok. "B"), 27 ta' Marzu 2007 (Dok. "C") u 12 ta' Novembru 2007 (Dok. "D") is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Graziella Farrugia.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Graziella Farrugia fis-somma ta' hamsa u erbghin elf, hames mija u hamsa u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€45,575.26) bilanc ghad-debitu fil-"Loan, Credit Card u Overdraft Accounts" ta' Graziella Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E2", Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1 sa G9", Dok. "H1 sa H2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' April 2018 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Graziella Farrugia:
(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi,
(b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Graziella Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. IIIi l-konvenuta Graziella Farrugia giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Awwissu 2017 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "I", sabiex jithallas id-dejn fuq irnsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara Ii jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u Ii jinghataw il-provvedimenti opportuni, tghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta attrici Ii qeda hawn titlob Ii din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A","B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Graziella Farrugia (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Graziella Farrugia Ii jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

2. Tikkundanna Iii Graziella Fenech thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsa u erbghin elf, hames mija u hamsa u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€45,575.26) bilanc ghad-debitu fil-"Loan, Credit Card u Overdraft Accounts" ta' Graziella Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E2", Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1 sa G9", Dok. "H1 sa H2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' April 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Awwissu 2017 (Dok. "I") u tal-Mandat ta' Sekwestru Ii qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta Ii hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li tghid hekk:

1) Illi preliminarjament il-konvenuta Ii hija klienta tas-socjeta attrici qed tikkonferma illi l-iskritturi annessi mar-rikors promotur tas-socjeta attrici u cioe tas-sitta (6) ta' Lulju 2004, tal-erbatax (14) ta' Frar 2006, tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu 2007 u tat-tnax (12) ta' Novembru 2007 jirraprezentaw self Ii hija hadet mill istess Bank u liema self ghadu dovut.

2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta tiddikjara illi hija ma kinitx tirrisjedi Malta bejn l-ahhar tas-sena 2007 u bidu ta' Settembru tas-sena 2017.

3) Illi ghalhekk isegwi illi r-residenza fejn giet notifikata il-konvenuta nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu 2017 ma kinitx ir-residenza ufficjalment taghha u ghalhekk fil-verita hija qatt ma rceviet din l-ittra ufficjali qabel il-prezentata tar-rikors tas-socjeta attrici.

4) Illi konsegwentement il-konvenuta ma kellix id-dritt u l-opportunita Ii twiegeb ghal ittra ufficjali dwar liema kellha kull interess Ii twiegeb u tiddikjara r-ragunijiet Ii zammewha milli tonora l-obbligazzjonijiet taghha.

5). Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

6). Illi l-konvenuta tiddikjara illi hija ma tistax thallas l-ammont kollu dovut lis-socjeta cttrici f'daqqa stante illi ghandha fil-kustodja taghha minuri ta' ghaxar snin illi jiddependi kompletament minnha hekk Ii l-missier ma jivversa l-ebda manteniment u barra minn hekk hija obbligata illi ssiefer Iil-istess minuri gewwa Milan ghal weekend f'xahar sabiex il-minuri jara Iil missieru u dan kollox spejjez tal-konvenuta.

7) Illi prova tas-salarju tal-konvenuta qieghed jigi anness u mmarkata bhala Dok. A, B u C.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti filwaqt illi ggib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti titlobha bir-rispett sabiex 1) hija ma tbatix l-ispejjez stante illi qatt ma kienet giet notifikata personalment bit-talba ghal-hlas qabel l-intavolar ta' din il-kawza u 2) tigi awtorizzata thallas l-ammont dovut lis-socjeta attrici bhala pagamenti mensili.

Tant il-konvenuta tissottometti ghas-savju gudizzju superjuri ta' din l-Onorabbli Qoti.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-nota tal-konvenuta tal-14 ta' Gunju 2018 fejn irtirat l-oggezzjoni dwar il-kap tal-ispejjez.

Billi l-konvenuta fir-risposta guramentata ammettiet it-talbiet attrici fis-sens li iddikjarat li s-self ghadu dovut u billi bin-nota tal-14 ta' Gunju 2018 irtirat l-oggezzjoni dwar il-kap tal-ispejjez, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuta Graziella Farrugia thallas lil-bank attur is-somma ta' hamsa u erbghin elf, hames mija u hamsa u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€45,575.26) bilanc ghad-debitu fil-"Loan, Credit Card u Overdraft Accounts" tal-istess konvenuta skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' April 2018 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur